

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 26.7.2010
KUMM(2010)394 finali

2010/0211 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' [...]

**dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tan-Niġer skont l-
Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-3 ta' Novembru 2009, wara d-deċiżjoni tal-President Tandja li jkompli bil-mandat presidenzjali tiegħu lil hinn mit-22 ta' Diċembru, l-Unjoni Ewropea bagħtet ittra lill-awtoritajiet tar-Repubblika tan-Niġer sabiex tistedinhom għall-konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 96 tat-Trattat ta' Cotonou. Dawn il-konsultazzjonijiet saru fi Brussel fit-8 ta' Diċembru 2009. Il-konklużjonijiet ta' din il-laqgħa jsemmu li l-proċess ta' konsultazzjoni se jibqa' miftuħ bil-possibbiltà li ssir laqgħa oħra.

Il-kolp ta' stat militari tat-18 ta' Frar 2010, wassal biex il-Kunsill Suprem għar-Ritorn għad-Demokrazija (CSRD), mmexxi mill-Kmandant tal-Iskwadra Djibo Salou, kiseb il-Prezidenza tan-Niġer. Dan il-kolp ta' stat ġie kkundannat mill-UE fid-19 ta' Frar u fil-fatt, waqqfet il-proċess ta' konsultazzjoni skont l-Art. 96. Fit-18 u d-19 ta' April saret missjoni esploratorja fin-Niġer fejn ġie nnutat li l-proċess ta' tranżizzjoni ġeneralment kien qiegħed jitwettaq skont l-avviżi li saru, b'mod li hu inklussiv u li vizibilmment hu strutturat ħafna. L-azzjonijiet prinċipali ta' din it-tranżizzjoni kienu dawn li ġejjin:

- Il-ħolqien u t-twaqqif tal-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali (CCN), fis-7 ta' April, li jikkonsisti minn 131 membru li 20 minnhom ġejjin miż-żewġ partiti politiċi.
- Il-ħolqien ta' Kumitat tat-Testi Fundamentali (li twaqqaf fit-22 ta' April), inkarigat mit-tfassil, fi żmien 45 ġurnata, tal-abbozzi preliminari tat-testi li ġejjin : il-kostituzzjoni, il-kodiċi elettorali, il-karta tal-partiti politiċi, il-karta tal-oppożizzjoni, il-karta tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika.
- It-twaqqif tal-Kunsill Kostituzzjonali ta' Tranżizzjoni (li twaqqaf fil-21 ta' April).
- L-adozzjoni ta' digriet dwar il-ħolqien tal-Osservatorju Nazzjonali tal-Komunikazzjoni (ONC) li huwa inkarigat mill-garanzija tal-libertà tal-informazzjoni u l-aktar mill-aċċess ġust għal kulħadd matul il-kampanja elettorali.

Wara din il-missjoni esploratorja, l-awtoritajiet il-ġodda tan-Niġer ġew mistiedna, permezz ta' nota verbali ddatata l-5 ta' Mejju 2010 biex imorru Brussell fis-26 ta' Mejju 2010 għat-tieni ċiklu ta' konsultazzjonijiet.

Il-laqgħa tal-ftuħ tal-konsultazzjonijiet saret fi Brussell fis-26 ta' Mejju 2010. Hi ġabret il-parti Ewropea, irrappreżentata mill-Prezidenza tal-Kunsill u mill-Kummissjoni, il-parti tan-Niġer irrappreżentata mill-Prim Ministru Mahamadou Danda, minn xi membri tal-Gvern u tas-CSRD u mill-parti tal-AKP, inklużi xi pajjiżi ħbieb tan-Niġer. Il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Afrikana (UA) kienu wkoll preżenti bħala osservaturi.

Matul il-laqgħa msemmija hawn fuq, il-partiċipanti ġew informati dwar il-proposti magħmula mill-parti tan-Niġer għal tranżizzjoni lejn ir-ritorn għall-ordni kostituzzjonali u għat-twaqqif ta' gvern demokratiku elett permezz ta' elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali liberi u trasparenti. Fi ftit kliem, l-impenji kienu jikkonċernaw dawn il-komponenti li ġejjin (li d-deskrizzjoni tagħhom tinsab fl-ittra annessa ma' din id-deċiżjoni):

- L-adozzjoni ta' testi fundamentali mis-CSRD;
- Abbażi ta' dan, l-organizzazzjoni ta' referendum kostituzzjonali

- L-elezzjonijiet lokali, leġiżlattivi u presidenzjali li għandhom isiru sa Marzu 2011
- Id-dekriminalizzazzjoni tal-offiżi fuq l-istampa u l-garanzija ta' indipendenza ta' entitajiet regolatorji kif ukoll ta' aċċess għall-informazzjoni
- L-impenn għall-ġestjoni ekonomika u finanzjarja tajba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Bħala appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ir-ritorn għall-ordni kostituzzjonali u lejn it-twaqqif ta' gvern demokratiku, elett permezz ta' elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali liberi u trasparenti, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet, skont l-Artikolu 96(2)(c), tal-Ftehim ta' Cotonou, li twaqqaf *miżuri xierqa* għall-irkupru gradwali tal-kooperazzjoni skont il-progress osservat fil-proċess ta' tranżizzjoni, bil-għan li tassisti f'din it-tranżizzjoni (ara l-ittra fl-Anness għal aktar dettalji).

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u f'konformità mal-Artikoli 9 u 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill jikkonkludi l-konsultazzjonijiet li nbdew mar-Repubblika tan-Niġer u li jadotta d-deċiżjoni mehmuża.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' [...]

dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tan-Niġer skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹ u rivedut fi Brussell fil-25 ta' Ġunju 2005², u partikolarment l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE³, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou, imsemmija fl-Artikolu 9 tiegħu ġew miksur;
- (2) F'konformità mal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, fit-8 ta' Diċembru 2009 u fis-26 ta' Mejju 2010 inbdew konsultazzjonijiet mal-pajjiżi tal-AKP u r-Repubblika tan-Niġer. Għall-okkażjoni ta' din l-aħħar seduta ta' konsultazzjonijiet ir-rappreżentanti tal-gvern ta' tranżizzjoni ppreżentaw proposti u impenji sodisfaċenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konsultazzjonijiet li nbdew mar-Repubblika tan-Niġer skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou huma b'dan imwaqqfa.

¹ ĠU L 317 tal-15.12.2000, p.3

² ĠU L 287 tat-28.10.2005, p.4

³ ĠU L 317, tal-15.12.2000, p.376, emendat permezz tal-ĠU L 247 tad-09.09.2006, p.48

Artikolu 2

Il-miżuri stabbiliti fl-ittra li tinsab fl-Anness huma adottati bħala miżuri xierqa skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Cotonou.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-Deċiżjoni se tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 12-il xahar. Hi se terġa' tkun eżaminata b'mod regolari minn tal-anqas kull 6 xhur fuq il-bażi ta' missjoni ta' sorveljanza tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Abbozz ta' ittra

Sur President tal-Kunsill Suprem għar-Ritorn għad-Demokrazija,

Onorevoli Prim Ministru,

L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li l-kriżi politika li kien hemm fil-pajjiż tagħkom matul is-sena 2009, kif ukoll il-kolp ta' Stat li seħħ fit-18 ta' Frar 2010, jikkostitwixxu ksur gravi tal-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea, permezz tad-dikjarazzjoni tal-Presidenza tagħha ta', ikkundanat bis-sħiħ dan il-kolp ta' stat li jmur kontra l-prinċipji stess tad-demokrazija. L-Unjoni Ewropea stiednet l-awtoritajiet tan-Niġer sabiex jorganizzaw xi konsultazzjonijiet fi Brussell skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, u għalhekk impenjat ruħha fi djalogu politiku mar-reġim attwali sabiex jiġu eżaminati s-sitwazzjoni u s-soluzzjonijiet possibbli. Il-konsultazzjonijiet infetħu fit-8 ta' Diċembru 2009 u t-tieni ċiklu sar fis-26 ta' Mejju 2010. Wara din l-aħħar laqgħa, ir-rappreżentanti tal-UE wrew ix-xewqa tagħhom li jipproponu lill-entitajiet tal-Kunsill tal-UE, miżuri li huma adattati biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni li għaddejja fin-Niġer lejn ritorn tal-ordni kostituzzjonali, kif imħabbar mill-awtoritajiet tan-Niġer.

Matul il-laqgħa tas-26 ta' Mejju 2010, il-partijiet iddiskutew l-organizzazzjoni ta' tranżizzjoni lejn ritorn tal-ordni kostituzzjonali u t-twaqqif ta' gvern demokratiku, elett permezz ta' elezzjonijiet liberi u trasparenti. Il-parti tan-Niġer ippreżentat ukoll memorandum li jispeċifika l-istadji u l-isfidi tat-tranżizzjoni. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea ħadet nota tal-aħbar dwar :

- it-twaqqif ta' istituzzjonijiet pluralistiċi għat-tranżizzjoni, rappreżentattivi tal-komponenti politiċi kollha tan-Niġer,
- l-adozzjoni ta' kodiċi elettorali kunsenswali,
- it-twaqqif ta' Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti (CENI).

Hi laqgħet ukoll l-adozzjoni ta' pjan ta' direzzjoni li, permezz ta' sensiela ta' elezzjonijiet, iwitti t-triq għat-twaqqif ta' qafas kostituzzjonali ġdid u ta' awtoritajiet ġodda li ġew eletti b'mod demokratiku. Fl-aħħar nett, l-UE tirrikonoxxi l-impenn tal-membri tal-Kunsill Suprem għar-Ritorn għad-Demokrazija (CSR) u tal-Gvern ċivili mwaqqaf fi Frar li għadda għall-ġestjoni tat-tranżizzjoni, li ma joħroġux għall-elezzjonijiet u li jgħaddu l-poter lil persuni ċivili eletti fl-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst għax-xahar ta' Marzu 2011.

L-Unjoni Ewropea ħadet nota tal-proposti magħmula mill-parti tan-Niġer matul dawn l-iskambji, u b'mod speċjali tal-impenji li ġejjin li huma kkunsidrati ta' importanza partikolari:

1. *L-adozzjoni ta' testi fundamentali mis-CSR*

- 2 *Abbażi ta' dan, l-organizzazzjoni ta' referendum kostituzzjonali*
- 3 *L-elezzjonijiet lokali, leġislattivi u presidenzjali li għandhom isiru sa Marzu 2011*
- 4 *Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet pubbliċi, inkluża l-libertà tal-attivitajiet tal-partiti politiċi*
- 5 *Id-dekriminalizzazzjoni tal-offiżi fuq l-istampa u l-garanzija ta' indipendenza ta' entitajiet regolatorji kif ukoll ta' aċċess għall-informazzjoni*
6. *L-impenn għall-ġestjoni ekonomika u finanzjarja tajba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.*

Il-parti Ewropea stmat li ġeneralment, l-impenni meħuda mill-parti tan-Niġer kienu inkoraġġanti. Għaldaqstant, kien ġie deċiż li jiġu adottati l-*miżuri xierqa* kif elenkati fit-tabella tal-impenni meħmuża, skont l-Artikolu 96(2)(c), tal-Ftehim ta' Cotonou, fir-rigward tal-irkupru progressiv tal-kooperazzjoni, bil-għan li tassisti fit-tranżizzjoni.

B'mod speċjali, l-Unjoni Ewropa se tkompli tiffinanzja azzjonijiet umanitarji u ta' emerġenza, b'appoġġ dirett għall-popolazzjonijiet u b'appoġġ għat-tranżizzjoni politika u għas-soluzzjoni tal-kriżi. F'dan il-qafas, ikun jaqbel li wieħed jinnota li jista' jiġi pprovdut appoġġ ġdid għall-preparazzjoni tal-elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali.

Madanakollu, u fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni Ewropea tiriserva d-dritt li tassumi d-dmirijiet tal-Uffiċjali Nazzjonali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF).

Fil-qafas tal-proċedura skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, l-Unjoni Ewropea se tibqa' ssegwi mill-viċin is-sitwazzjoni fin-Niġer waqt perjodu ta' sorveljanza ta' 12-il xahar. Matul dan il-perjodu, se jinżamm djalogu msaħħaħ fil-qafas tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou mal-Gvern tan-Niġer sabiex jassisti fil-proċess ta' tranżizzjoni u se jsiru eżaminazzjonijiet regolari tas-sitwazzjoni mill-UE. L-ewwel missjoni ta' sorveljanza se ssir f'perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur.

L-Unjoni Ewropea tiriserva d-dritt li temenda l-"miżuri xierqa" skont il-progress tal-implimentazzjoni tal-impenni.

Permezz tal-Gvern elett ġdid, l-Unjoni Ewropea se jkollha wkoll il-volontà li żżomm djalogu politiku regolari, fil-qafas tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, partikolarment dwar ir-riformi fil-qasam tal-governanza politika, ġudizzjarja u ekonomika kif ukoll dwar ir-riformi fis-settur tas-sigurtà.

Dejjem tagħkom,

Għall-Kunsill, Għall-Kummissjoni,

Anness : Skeda tal-impenji

Impenji tal-imsieħba:

| II-Parti tan-Niġer | II-Parti tal-UE |
|---|--|
| <ul style="list-style-type: none"> • Is-sitwazzjoni attwali | <ul style="list-style-type: none"> • L-Unjoni Ewropea se tkompli tiffinanzja azzjonijiet umanitarji u ta' emerġenza, b'appoġġ dirett għall-popolazzjonijiet u fl-aħħar nett b'appoġġ għat-tranżizzjoni politika u għas-soluzzjoni tal-kriżi. |
| <ul style="list-style-type: none"> • L-adozzjoni ta' kodiċi elettorali konsenswali (b'opinjoni favorevoli tal-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali) • It-twaqqif tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti b'kompożizzjoni konsenswali (b'opinjoni favorevoli tal-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali). | <ul style="list-style-type: none"> • It-tkomplija tal-proġett "Konsolidazzjoni tad-demokrazija", b'mod speċjali tal-komponent tiegħu "Appoġġ elettorali", li jiġi estiż għal votazzjonijiet li ġejjin. Il-Ftehim ta' Finanzjament daħal fis-seħħ. • L-ipproċessar ta' talba tal-awtoritajiet għall-żieda fl-allokkazzjoni tal-Ftehim ta' Finanzjament għall-"Appoġġ elettorali". • It-tnedija mill-ġdid tal-appoġġ istituzzjonali għar-riformi fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, fost l-oħrajn l-appoġġ għall-Qorti tal-Awdituri, bil-għan li tinżamm l-eliġibbiltà tal-appoġġ baġitarju. • It-tnedija mill-ġdid tal-Programm ta' Appoġġ għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt (PAJED). |

| | |
|---|--|
| <ul style="list-style-type: none"> • L-adozzjoni mill-Kunsill Suprem għar-Ritorn għad-Demokrazija ta' testi fundamentali proposti (b'opinjoni favorevoli tal-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali) • L-espożizzjoni tal-listi elettorali (fil-qafas tal-aġġornament tar-reġistru elettorali) • Dekriminalizzazzjoni tal-"offiżi fuq l-istampa" | <ul style="list-style-type: none"> • L-introduzzjoni mill-ġdid fi ħdan il-proċess tal-approvazzjoni tal-proġett ta' "Appoġġ għall-kummerċ" u tal-proġett "Appoġġ għas-sistema statistika nazzjonali". • It-tkomplija tal-proċedura ta' eżaminazzjoni tal-programmi tal-Programm Indikattiv Nazzjonali fil-qafas tal-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ġustizzja, deċentralizzazzjoni, żvilupp rurali eċċ.) u t-tnedija tal-istudji meħtieġa • Iż-żamma tal-bilanċi li jibqa' mill-Ftehim ta' Finanzjament għall-Appoġġ Baġitarju tad-disa' EDF • It-tnedija ta' studju ta' identifikazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għall-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fit-Tramuntana • Il-bidu tal-appoġġ għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Rurali (l-għaxar EDF) • It-tnedija mill-ġdid tal-"Programm ta' Appoġġ għall-Iżvilupp fis-Setturi tal-Minjieri" |
| <ul style="list-style-type: none"> • Ir-referendum kostituzzjonali li għandu jsir f'kundizzjonijiet meqjusa bħala sodisfaċenti | <ul style="list-style-type: none"> • Ħlasijiet gradwali tal-appoġġi baġitarji (id-disa' u l-għaxar EDF) • It-tnedija mill-ġdid tas-Sejħa għal offerti għall-"Manutenzjoni tat-Toroq" tal-għaxar EDF • It-tnedija mill-ġdid tas-Sejħa għal offerti għall-estensjoni tal-isptar ta' Arlit (Programm tas-Settur tal-Minjieri) |

| | |
|---|---|
| <ul style="list-style-type: none"> • L-elezzjonijiet leġiżlattivi u l-ewwel ċiklu tal-elezzjonijiet presidenzjali li għandhom isiru f'kundizzjonijiet meqjusa bħala sodisfaċenti. • It-tieni ċiklu tal-elezzjonijiet presidenzjali (jekk ikun meħtieġ) li għandhom isiru f'kundizzjonijiet sodisfaċenti. • L-inawgurazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali l-ġdida • L-investitura tal-President tar-Repubblika | <ul style="list-style-type: none"> • Ħlasijiet kontinwi tal-appoġġi baġitarji diġà adottati • L-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament għall-proġett ta' "Appoġġ għall-kummerċ" u għall-proġett ta' "Appoġġ għas-sistema statistika nazzjonali". • It-tkomplija tal-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni |
|---|---|